# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Novembru tas-sena 2001.**

**Numru 21**

**Avviz numru 1689/98/SM**

**Anthony Scicluna**

**vs**

**Marisa Bugelli**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-31 t'Awissu ta' l-1998 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghig ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

1. **Thallas lill-attur s-somma li tigi likwidata minn dina l-Qorti okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi in linea ta' danni minnha kkagunati lill-attur meta f'Notabile Road, Attard, fit-2 t'Ottubru, 1997, waqt li kien qed isuq il-vettura Fiesta bin-numru ta' registrazzjoni LAA 398, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u b'nuqqas**

ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, habtet mal-vettura tal-attur tal-marka Volvo b'numru ta' registrazzjoni AAB 159 u kkagunatlu hsara fiha;

2. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 20 ta' Lulju 1998 u bl-imghaxijiet legali mill-20 ta' Lulju, 1998, sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni. Ghall-fini ta' kompetenza qed jigi dikjarat li d-danni pretizi ma jeccedux l-ammont ta' mitejn u hamsin Lira (LM250.00,0);

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-13 t'Ottubru ta' l-1998 li permezz taghha l-konvenuta eccepiet is-segwenti:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-attur stante li l-incident awtomobilistiku ma sehhx tort tal-eccipjenti izda unikament tort tal-attur Anthony Scicluna minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu hekk kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk id-danni ghandhom jigu sopportati mill-attur;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-incident awtomobilistiku sehh fit-2 t'Ottubru ta' l-1997 f'Notabile Road, H'Attard, ghall-habta ta' l-9.45 a.m.;

**2. Illi l-vetturi involuti kienu dik bin-numru LAA-398 tal-marka Fiesta misjuqa mill-konvenuta u dik bin-numru AAB-159 tal-marka Volvo misjuqa mill-attur;**

**3. Illi kif jidher mill-iskizz fl-atti ta' din il-procedura jirrizulta li l-attur kien qed isuq f'Notabile Road, H'Attard, triq principali, dritta u wiesgha, meta harget il-konvenuta minn Valletta Road;**

**4. Illi jirrizulta li mit-triq li minnha harget il-konvenuta hemm "stop sign" u l-vizwali m'hix impedita;**

**5. Illi kien id-dover assolut tal-konvenuta li tieqaf u taccerta ruha li bil-manuvra taghha ma tkunx ta' perikolu ghaliha u ghall-haddiehor;**

**6. Illi d-danni sofferti mill-attur jammontaw ghall-mitejn u tnejn u  tletin Lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu, (LM232.75,0), li sallum ghadhom ma gewx imhallsa lill-attur;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi d-dinamika kollha ta' l-akkadut li tirrizulta mill-analizi tax-xhieda kif fuq sintetikament esposti u mill-iskizz gia' riferit jirruzlta li l-konvenuta ma ezercitatx il-"proper lookout" minnha rikjest meta konducent qed jippenetra triq ohra u meta appozitament avzata biex tieqaf qabel ma tipprocedi;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tiddeciedi li in vista tal-premess:**

**1. Tiddikjara li l-konvenuta Marisa Bugelli unikament responsabbli ghall-incident in dizamina;**

**2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin Lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu, (LM232.75,0);**

**3.** **Tikkundanna lill-konvenuta Marisa Bugelli thallas lill-attur Anthony Scicluna l-ammont fuq indikat bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**